MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1464/2000/1

**Mario Martinelli fil-kummerc bhala Martinelli Trading**

**vs**

**Sullivan Shipping Agencies Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa kkuntratta mal-konvenuti sabiex dawn igibu Malta ghan-nom tieghu minghand Keencut Limited tal-Ingilterra konsenja ta’ merkanzija konsistenti f’makkinarju, ghodda u affarijiet simili.

Illi meta l-merkanzija giet konsenjata lill-attur wara li waslu Malta f'Jannar 2000 fuq il-Gracechurch Planet kien hemm nuqqasijiet kif elenkati fid-dokument A anness ghall-valur ta' liri sterlini elf seba' mija disgha u sittin u 73 centezmi (GBP1769.73) circa elf mija disgha u erbghin lira u tmenin centezmu flus maltin (Lm1149.18).

Illi l-konvenuti kienu unikament responsabbli ghal dan in-nuqqas stante illi kien dahlu responsabbli illi jgibu l-merkanzija u jikkonsenjawha lill-attur u dan minghajr rizerva jew ftehim fuq xi limitazzjoni ta' responsabbilita'.

Illi allavolja interpellati ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghan-nuqqas fil-konsenja.

tillikwida l-ammont dovut lill-attur in konnessjoni ma tali nuqqas skond ir-rata ta' kambju rilevanti u

tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li gew ukoll imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati, fil-fatt u fid-dritt, stante illi s-socjeta' konvenuta kienet involuta mal-konvenut biss bhala agent ta' kumpannija estera tal-garr ta' merkanzija u ghalhekk ma tistax tinzamm responsabbli ghat-telf ta' merkanzija li hija qatt ma garret;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza hija ntempestiva, stante illi kienu ghadhom ghaddejin trattativi bejn l-attur u s-socjeta estera tal-garr, tramite s-socjeta' konvenuta, sabiex tinghadda l-kumpens dovuta lill-attur ai termini tal-'Bill of Lading' li biha ngarret il-merkanzija li parti minnha eventwalment sfat mitlufa u li tifforma l-meritu ta' dina l-kawza;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-merkanzija mitlufa ngarret ai termini tal-British Institute of Freight Associates Terms and Conditions u ghalhekk ghandhom japplikaw il-limitazzjonijiet imposti minn tali kundizzjonijiet;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2001 minn fejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ddikjarat li taqbel li kien hemm in-nuqqasijiet kif reklamati fic-citazzjoni.

Rat l-affidavit ta' John E. Sullivan presentat mis-socjeta' konvenuta.

Semghet lill-attur.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet diffeita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:
L-attur kien ftiehem mas-socjeta' konvenuta sabiex l-istess socjeta' konvenuta tiehu hsieb il-garr mir-Renju Unit ghal Malta ta' merkanzija, konsistenti f'makkinarju, ghodda u oggetti simili. L-imsemmija merkanzija twasslet Malta f'Jannar tas-sena 2000 fuq il-vapur Gracechurch Planet u meta l-istess merkanzija giet konsenjata lill-attur instab li kien hemm in-nuqqasijiet kif elenkati fid-dokument A a fol.5. Is-socjeta konvenuta taqbel li kien hemm dawn in-nuqqassijiet kif effettivament reklamati mill-attur. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-valur komplessiv ta' dawn

in-nuqqasijiet. Effettivament dawn in-nuqqasijiet kienu tal-valur komplessiv ta’ elf seba’ mija disgha u sittin sterlini u tlieta u sebghin centezmi (£1769.73) ekwivalenti ghal circa elf mija disgha u erbghin lira u sbatax il-centezmu flus maltin (Lm1149.17).

L-attur isostni li s-socjeta’ konvenuta kienet unikament responsabbli ghal dan in-nuqqas stante illi l-istess socjeta’ konvenuta kienet assumiet l-obbligu versu l-attur li ggor il-merkanzija in kwestjoni u tikkonsenjha lill-attur minghajr rizervi u minghajr xi ftehim dwar limitazzjoni ta’ responsabbilita’. Ghalhekk l-attur qed jitlob li s-socjeta’ konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghan-nuqqas ta’ konsenja in kwestjoni. L-attur qed jitlob li jigi likwidat l-ammont dovut lilu in vista tal-istess nuqqas ta’ konsenja skond ir-rata ta’ kambju rilevanti u li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas l-ammont hekk likwidat.

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li hi agixxiet biss bhala agent ta’ kumpannija estera tal-garr ta’ merkanzija u kwindi ma tistax titqies responsabbli ghat-telf ta’ merkanzija li hi qatt ma garret. Teccepixxi ukoll li din l-azzjoni hi intempestiva stante li ghadhom ghaddejjin trattativi bejn l-attur u s-socjeta estera tal-garr, tramite s-socjeta’ konvenuta, sabiex l-attur jinghata kumpens ai termini tal-‘Bill of Lading’ relattiv. Teccepixxi inoltre li l-merkanzija in kwestjoni ngarret ai termini tal-British Institute of Freight Associates Terms and Conditions u konsegwentement ghandhom japplikaw il-limitazzjonijiet imposti minn tali kundizzjonijiet. Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta specifikat li, f’dan in-negozju, hi agixxiet biss bhala agent tas-socjeta estera Fred Olsen Agencies Limited, liema socjeta’ estera effettivament garret il-merkanzija in kwestjoni lejn Malta. Dejjem skond is-socjeta konvenuta dan il-fatt hu ben mghruf mill-attur stante li impjegati tas-socjeta konvenuta kienu tawh parir biex jassikura l-merkanzija.

Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attur inkarika lis-socjeta’ konvenuta biex tiehu hsieb it-trasport tal-merkanzija in kwestjoni lejn Malta. L-attur informa lis-socjeta’ konvenuta bl-isem minn fejn, fir-Renju Unit, kellha

tingabar il-merkanzija u l-istess socjeta' konvenuta assumiet l-obbligu li taghmel dak kollu li kien necessarju sabiex l-istess merkanzija tingieb Malta u tigi konsenjata lill-attur. Meta l-merkanzija giet konsenjata lill-attur instab li kien hemm in-nuqqasijiet in kwestjoni. L-attur cahad li xi hadd mis-socjeta' konvenuta qatt qallu li huwa kellu jassikura l-merkanzija. F'dan ir-rigward ghandu jigi nnotat li s-socjeta' konvenuta naqset li tipproduci xi impjegat taghha biex jikkonferma dan il-fatt.

Ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta kienet infurmat lill-attur li f'dan in-nergozju l-istes socjeta' konvenuta ma kienitx qed tagixxi f'isimha propju izda biss bhala agent ta' xi socjeta' estera. Hu minnu li l-attur ikkomunika permezz ta' ittra mal-istess socjeta' estera izda dan sar biss wara li l-merkanzija twasslet Malta u wara li s-socjeta' konvenuta bidet tippretendi li hi kienet qed tagixxi biss bhala agent tal-istess socjeta' estera.

Direttur tas-socjeta konvenuta kkonferma li l-istess socjeta' konvenuta hi "groupage operator," kif ukoll tagixxi bhala agent ta' diversi ditti esteri tal-garr tal-merkanzija u li f'garr ta' merkanzija qatt ma tagixxi f'isimha proprja izda kull ma taghmel hu li taccetta rikjesti ta' klijenti maltin ghal garr ta' merkanzija lejn Malta u sussegwentement tghaddi dik ir-rikjesta lill princpali taggha cioe' lid- ditti esteri ta' garr li da parti taghhom jiehdu hsieb igibu il-merkanzija lejn Malta.. Meta l-merkanzija titwassal Malta s-socjeta konvenuta tinfoma lill-klijent malti li l-merkanzija tkun wasslet Malta u li l-istess klijent malti jista jiehu l-konsenja tal-merkanzija wara li jsiru l-hlassijiet relattivi lid-ditta estera li garret il-merkanzija lejn Malta. Is-socjeta' konvenuta inoltre taccetta dawn il-hlassijiet ghan-nom tad-ditta li tkun garret il-merkanzija. Skond l-istess direttur din il-procedura hi ben maghrufa mill-klijenti taghha.

Hu imperattiv li, f'negozju ta' natura kummercjali, l-partijiet ghall-istess negozju jkunu ben konsapevoli tal-vesti li fiha jkunu qed jagixxu l-partijiet l-ohra ghall-istess negozju. Kull parti ghandha tistabilixxi kjarament u inekwivokabilment mal-partijiet l-ohra kollha f'liema vesti tkun qed tagixxi. Fil-kaz in esami ma jirrizultax li s-socjeta'

konvenuta ghamlitha cara mal-attur li hi ma kinitx qed tagixxi f'isimha propju izda kienet qed tagixxi ghan-nom ta xi ditta estera. Is-soccjeta' konvenuta accettat li tittrasporta l-merkanzija in kwestjoni u twassalha hawn Malta ghand l-attur. Hu irrilevanti ghall-attur li s-socjeta' konvenuta ghazlet li tinkarika terzi biex fisikament igorru l-merkanzija. Il-ftehim sar bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk is-socjeta' konvenuta hi responsabbli versu l-attur. Ghandu ukoll jigi konsidrat li din kienet l-ewwel darba li l-attur inkarika lis-socjeta' konvenuta biex iggiblu merkanzija minn barra.

Barra minn hekk jidher li s-socjeta' konvenuta inkarikat socjeta' ohra lokali, cioe' Unispeed Shipping & Forwarding Limited, li eventwalment tat l-inkariku lill-imsemmija ditta estera. Is-socjeta' l-ohra lokali topera mill-istess ufficji tas-socjeta' konvenuta. Lanqas ma jirrizulta li fil-ftehim in kwestjoni li sar bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta kien hemm xi limitazzjoni ta' responsabilta ghar-rigward tal-kundizzjonijiet tal-garr.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni li l-kawza hi intempestiva, ghandu jinghad li ma saret l-ebda prova li kien hemm xi trattativi sabiex l-attur jithallas ghan-nuqqasijiet in kwestjoni mill-imsemmija ditta estera.

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta jimmeritaw li jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici jirrizuktaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-taliet attrici u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghan-nuqqas ta' konsenja in kwestjoni, tillikwida l-ammont dovut lill-attur in konnessjoni ma tali nuqqas fis-somma elfejn sitt mija u sitta u sebghin euro u hamsa u tmenin centezmi (€2676.80) ekwivalenti ghal elf mija disgha u erbghin lira u sbatax il-centezmu flus maltin (Lm1149.17) u dana bl-

imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------